# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U TLETIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tnejn 3 ta' Mejju, 2004 fid-9.30am .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Elizabeth Grech | - | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 6 | | |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2. Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3. Żviluppi ġodda - Triq San Lawrenz.
4. Jum l-Isla.
5. Riżoluzzjonijiet Speċjali.

Sospensjoni tar-Regolamenti :

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li items numru 1 u 2 fuq l-Agenda ser ikunu diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Dan peress li din kienet laqgħa msejjħa b'urġenza u ma' kienx hemm żmien biżżejjed biex dawn jiġu ppreżentati. Għaldaqstant is-Sindku Joseph Casha talab li d-diskussjoni tibda minn item numru 3 u tibqa' għaddejja sakemm tkun eżawrita l-Aġenda.

Din is-sospensjoni tar-regolamenti għaddiet nem. Con.

## 34 (3) Zviluppi dwar Triq San Lawrenz

*Triq Il-Kurċifiss*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minħabba l-problema ta' parking fi Triq Il-Kurċifiss riedet jew titwessa l-bankina jew jibqa' kollox kif inhu u jibqa' jsir parking fuq il-bankina.

Is-Sindku kien tkellem mal-perit tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni sabiex tonqos din il-problema. Il-perit ppropona li jew titdjieq il-bankina fuq naħa waħda u ssir kurduna għolja sabiex il-karozzi jipparkjaw biss taħt il-bankina, jew il-bankina tidjieq fuq Iż-żewġ naħat Iżda fuq naħa minnhom tidjieq Iżjed mill-oħra sabiex it-traffiku ma' jkunx affetwat meta jkun hemm il-karozzi pparkjati fit-triq.

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li huwa kien ta struzzjonijiet lill-kuntrattur sabiex jimxi fuq it-tieni proposta tal-perit jiġifieri li tidjieq il-bankina fuq Iż-żewġ naħat Iżda naħa minnhom tidjieq iżjed.

Is-Sindku qal ukoll li għalkemm dan it-tibdil sar xorta waħda baqa' min qed jabbuża u jipparkja fuq il-bankina mhux biss Iżda issa anke qsari kbar qed jitpoġġew fuq il-bankina għalhekk huwa qal li hemm bżonn li din il-probelma tiġi solvuta jekk ikun hemm il-bżonn anke jitwaħħal xi ħadid fuq il-bankina ħalli la jsir parking fuq il-bankina u l-anqas jitpoġġew qsari kbar.

*Triq San Lawrenz*

Is-Sindku nforma lil Kunsill li meta l-Kuntrattur ġie biex jagħti t-tarmac fi Triq San Lawrenz iltaqa' ma' problema fis-sistema tad-drenaġġ. Dan minħabba li kif beda jagħti t-tarmac il-kaptelli li kien hemm bdew jinkisru. Huwa qal li sar kuntatt mad-Dipartiment tad-drenaġġ biex isir tindif tas-sistema qabel ma' jkun tard wisq u jinħolqu problemi wara li jkun ingħata t-tarmac.

Is-Sindku qal li huwa kien infurmat mid-Dipartiment tad-Drenaġġ biex il-perit tal-Kunsill jagħmel laqgħa mal-Perit Balzan mid-Dipartiment tad-Drenaġġ sabiex jiltaqgħu fuq il-post sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni għal kullħadd.

Sadanittant is-Sindku kien diġa talab kwotazzjoni lill-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol f'din it-triq, għax-xogħol li hemm bżonn li jsir fis-sistema tad-drenaġġ f'din it-triq. Il-kwotazzjoni qegħda maqsuma fuq żewġ għażliet. Waħda li jitneħħa dak li hemm u timtela b'materja li tissejaħ *imex* u l-oħra jitneħħa dak li hemm u ssir sistema ġdida bil-kaptelli mal-ġenb tat-triq sabiex kemm il-darba jinqalgħu xi problemi jkun aktar faċli li jissolvew.

Il-Kunsill qabel unanimament li s-sistema tad-drenaġġ imsemmija tinqaleb għas-sistema tal-kaptelli fil-ġenb tat-triq dejjem jekk il-perit tal-Kunsill huwa fil-fehma li din tkun l-aħjar soluzzjoni fit-tul.

## 34 (4) Programm Jum l-Isla

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien irċeva ittra mingħand il-Kunsillier Charmaine Gerada fejn talbet spjegazzjoni għat-tibdil li kien qed jipproponi fil-Programm ta' Jum l-Isla.

Huwa spjega wkoll li kien bagħatilha risposta bil-miktub. Kopji taż-żewġ ittri jinsabu mehmuża ma' dawn il-Minuti.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada staqsiet għaliex hija kienet ħadet ir-risposta għall-ittra li kienet kitbet wara li kienet talbet kopja wara li ġiet infurmata minn terzi persuni li kienu rċevew ir-risposta li s-Sindku kien taha għall-ittra tagħha. Meta rat li baqgħet ma' rċevithiex hija talbet li tingħata kopja tagħha mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

Is-Sindku talab spjegazzjoni lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv għaliex din l-ittra ma' kienitx riċevuta.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Elizabeth Grech qalet li din l-ittra kienet intbagħtet bl-email u anke bil-posta pero' għal xi raġuni s-Sinjura Gerada baqgħet ma' rċevithomx u li meta s-Sinjura Gerada talbet kopja oħra din intbagħtitilha bl-email.

Is-Sindku ta struzzjonijiet biex minn issa l-quddiem meta tintbagħat korrispondenza bl-email u anke bil-posta l-amministrazzjoni tal-Kunsill għandha tivverifika li din tkun waslet mal-persuna li min tkun indirizzata l-korrispondenza jekk jista' jkun anke jinagħata l-ħin li fih tkun ġiet riċevuta sabiex jiġu evitati problemi.

Is-Sindku semma' wkoll li wara r-risposta li bagħat lill-Kunsillier Charmaine Gerada din talbet mandat ta' inibizzjoni fil-Konfront tiegħu u tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex ma' jsirux laqgħat tal-Kunsill li fih jiġi diskuss il-programm ta' attivijatiet għal Jum l-Isla peress li l-ħin li fih il-laqgħat kienu qed jissejħu hi ma setgħetx tattendi għalihom.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada qalet li fil-laqgħa tal-Kunsill numru 33 li saret fl-14 t'April, 2004 kien intlaħaq kompromess bejn il-Kunsillieri kollha fejn il-laqgħat tal-Kunsill kellhom jibdew isiru waħda filgħodu u waħda filgħaxija peress li hi ma' tkunx tista' tattendi spiss għal-laqgħat ta' filgħodu u l-Kunsillier Mario Mizzi ma' jkunx jista' jattendi għal-laqgħat filgħaxija.

Il-Kunsillier Mario Mizzi qal li l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienet saret fil-5.30pm ta' filgħaxija u għalhekk issa kien imiss li l-laqgħa ssir filgħodu.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada qalet li l-aħħar laqgħa tal-Kunsill saret filgħodu u għaldaqstant talbet kopja tal-Minuti ta' l-aħħar laqgħa sabiex dan ikun konfermat. Hija qalet li fil-laqgħa tal-Kunsill Numru 33 kien miftiehem li l-minuti kellom jibdew jitlestew sa mhux aktar tard minn ħamest'ijiem wara li tkun saret il-laqgħa tal-Kunsill u għalhekk qed tinsisti li tingħata kopja ta' dawn il-minuti.

Is-Sindku qalila li fil-laqgħa ta' llum 3 ta' Mejju ġie deċiż li l-minuti ta' l-aħħar laqgħa tal-Kunsill ser ikunu approvati fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

F'dan l-istadju tal-laqgħa s-Sindku fetaħ id-diskussjoni fuq il-programm għall-attivitajiet ta' Jum l-Isla hekk kif ġej :

***Kunsill Skolastiku***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill skolastiku kien ippreżenta programm li kienu qed jipproponu li jsir mit-tfal fis-Sala ta' l-iskola bħala parti mill-attivitajiet għal Jum l-Isla.

Huwa qal ukoll li din l-attivita' lill-Kunsill ma' kienitx ser tinvolvih fi spejjeż ħlief biex it-tfal jingħataw snack u xi ħaġa x'jixorbu wara li jkunu tellgħu l-attivita' msemmija.

Huwa qal ukoll li kien talab lill-Kap ta' l-Iskola jekk kienx possibbli li xi tfal jipparteċipaw waqt l-attivita' tal-ftuħ tal-Librerija Pubblika. Is-Sindku qal li l-Kap ta' l-iskola kienet qed tikkordina fuq din it-talba.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-Kunsill Skolastiku.

***Welcome Europe***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kien imsejjaħ biex jattendi għal laqgħa ma' dan il-consortium li ġie ffurmat sabiex jiġi ċċelebrat id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja nhar is-Sibt 1 ta' Mejju, 2003. F'din il-laqgħa huwa kien infurmat li huma kienu krew Ġnien il-Gardjola mill-Kunsill sabiex ikun użat għal attivita privata u li dan kien ser ikun magħluq għall-pubbliku nhar il-Ġimgħa 30 t'April, 2004.

Is-Sindku nfurmahom li dan kien impossibbli li jsir minħ0abba li dan il-Ġnien huwa devolut lill-Kunsill u meta dan il-Kunsill kien irċieva talba biex dan il-Ġnien jintuża għal attivita' privata f'din il-ġurnata il-Kunsill kien iddeċieda li dan il-Ġnien ma' jkunx mikri għal-attivitajiet privati li jkunu ser jiġu organiżżati jekk min ikun qed jagħmel it-talba ma' jkunx residenti fl-Isla.

Is-Sindku stqarr li huwa kien sorpriż ħafna u saħansitra ħaseb ħażin fl-amministrazzjoni tal-Kunsill. Għalhekk huwa talab kopja ta' l-ittra li dawn kellhom sabiex jivverifika jekk kienx minnu jew le li nħareġ permess mill-Kunsill.

Meta dan il-consortium bagħat l-ittra li fiha kien infurmat li jista' juża Ġnien il-Gardjola għal attivita' privata għall-kera ta' Lm 250, irriżulta li din kienet ġejja mid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Minnufih is-Sindku kiteb ittra lil dan id-Dipartiment fejn talab spjegazzjoni għal din l-ittra. Is-Sindku nforma l-Kunsill li ftit jiem biss wara l-ittra li huwa kien irċieva risposta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn dawn skużaw ruħhom għall-inkonvenjent li nħoloq u qalulu li dan kien żball ġenwin mill-impjegati ta' dan id-dipartiment li bi żvista ħarġu dan il-permess.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada staqsiet għaliex dan il-Kunsill kien kontra li dan il-Consortium jingħata l-użu esklussiv ta' dan il-Ġnien meta xi żmien ilu l-Kunsill kien approva li ssir attivita' privata f'dan l-istess ġnien u li din għal xi raġuni kienet tħassret mill-organiżżaturi.

Is-Sindku qalilha li l-Kunsill qatt ma' kien approva li Ġnien il-Gardjola jiġi użat għal attivita' privata minn persuni barra mill-Isla.

Il-Consortium Welcome Europe kien qed jitlob ukoll li jkollu area għad-dispożizzjoni tiegħu fejn hu jkun jista jarma bi stands ta' l-ikel u x-xorb għal dawk li jkunu ġew biex jassisstu għall-ispettaklu li kien hemm imħejji. Huma talbu wkoll li f'din l-area ma' jkunx hemm bejgħ ta' ikel u xorb f'distanza ta' inqas minn 100 metru l-bogħod minnhom Il-Consortium wiegħed li jagħti donazzjoni ta' Lm 250 jekk il-Kunsill jilqa t-talba tagħhom. Il-Kunsill kien qabel ma' din il-proposta.

Il-Vici Sindku Walter Ahar hawn reġa tenna li huwa qatt ma' qabel ma' din id-deċiżjoni minħabba li huwa jemmen li l-ewwel għandhom jiġu s-soċjetajiet u dawk li għandhom il-ħwienet fl-Isla u mbagħad jekk dawn ma' jaċċetawx jiġu dawk minn barra l-pajjiż.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta huwa kellu laqgħa mas-Sur Silvio Scerri membru fil-consortium Welcome Europe talba li l-Kunsill jagħtihom area ikbar għaliex riedu jagħmlu aktar stands. Is-Sindku wieġeb li dan kien impossibli u li diġa kienet deċiżjoni diffiċli li ħa l-Kunsill meta kien ġie mogħti lilhom l-użu esklussiv ta' l-area li kienu talbu għalija u li l-Kunsill ma' jistgħax jagħti arja ikbar għaliex kien jinħoloq l-inkwiet ma' bejjiegħa oħra u l-anqas ma' jkun xieraq li dawn jiġu pprojbiti milli jbiegħu l-oġġetti tagħhom sakemm ikollom il-permessi kollha neċessarji.

Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li għaqdiet u sidien ta' ħweient mil-lokal setgħu jagħmlu l-permessi meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jagħmlu fund raising għas-soċjetajiet rispettivi tagħhom sakemm ikollom il-premessi neċessarji u jarmaw l-istands tagħhom in-naħa tax-Xatt ta' l-Isla u mhux lejn il-post magħruf bħala l-Ponta ta' l-Isla.

***Senglea Regatta Club***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu talba mill-Kumitat tal-Klabb tar-Regatta sabiex jagħmlu attivita' fi Ġnien il-Gardjola nhar il-Ġimgħa 30 t'April, 2004.

Huwa għarraf lill-Kunsill li ma' kienx aċċetta din it-talba minħabba li s-Senglea Athletic F. C. kienu diġa talbu li jagħmlu stand f'dan il-ġnien sabiex jagħmlu fund raising għas-soċjeta' tagħhom u l-Kunsill kien aċċetta.

***Queen's Own Band Club***

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li huwa kien talab lill-Banda Queen's Own sabiex jippartecipaw fil-programm ta' Jum l-Isla . Dawn talbu Lm 250 sabiex jippartecipaw. Is-Sindku nforma lil din is-Soċjeta li kienet qed titlob prezz għoli wisq għall-finanzi li jista jiddisponi minnhom il-

Kunsill. Ftit jiem wara is-Sindku kien qiegħed f'riċeviment meta ltaqa' ma' xi membri ta' din is-soċjeta' u reġa talab li jikkunsidraw mill-ġdid it-talba tagħhom. Dawn qalulu l-ħsieb tagħhom jekk ikunx possibli li l-ispejjeż jinqasmu bejn il-Kunsill u l-istess soċjeta. Dawn infurmawh li kien ser ikollom laqgħa tal-Kumitat u li huma ser iressqu din il-proposta lil sħabhom.

Is-Sindku qal li ftit jiem wara dan kien infurmat jekk kienx possibli li l-ispiża ta' Lm 250 tinqasam hekk : Lm 125 jitħallsu mill-Kunsill u Lm 95 jitħallsu mill-Kumitat tal-Banda.

Hawnhekk is-Sindku qal ma' jarax li hemm problema u la l-banda kienet qed tikkopera daqshekk mal-Kunsill għall-ewwel darba kemm ilu jiġi mfakkar Jum l-Isla ma' jarax għalfejn din m'għandhiex tipparteċipa skond il-ftehim milħuq.

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li minħabba li kien hemm mandat ta' inibizzjoni sabiex ma' jsirux laqgħat tal-Kunsill fejn kien ser jiġi diskuss il-programm t'attivitajiet għal Jum l-Isla, u dawn baqgħu mingħajr risposta rtiraw l-offerta tagħhom u nfurmawh li ma' kienux ser jieħdu sehem fil-programm minħabba li issa huwa tard wisq sabiex jinstabu l-bandisti fi żmien hekk qasir.

*Skola Sekondarja Bniet Maria Assumpta*

Kien hemm talba minn din l-iskola sabiex dawn jagħmlu żjara fil-lokalita ta' l-Isla u fl-Uffiċini tal-Kunsill bħala parti minn xogħol tal-klassi fejn wara dawn ser itellgħu esibizzjoni. Dawn kienu qed jipproponu li jagħmlu din Iż-żjara nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju, 2004.

Il-Kunsill qabel li jinforma lil din l-iskola li huma jistgħu jiġu fis-7 ta' Mejju, 2004 pero' li dawn ser ikunu waħedom minħabba li l-Kunsill kollu huwa mpenjat bl-attivitajiet li huwa ser jorganizza biex jikkomemora Jum l-Isla jew li jagħmlu ż-zjara tagħhom f'xi ġurnata oħra li tkun konvenjenti għaż-żewġ naħat.

*Għaqda Festi Esterni - Bażilika Marija Bambina*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kien avviċinat mill-Għaqda Festi Esterni sabiex jindagaw il-possibilita li jaħdmu l-ikel għal-Lejla Maltija li ser issir fi Ġnien il-Gardjola nhar is-Sibt 8 ta' Mejju, 2004. Huwa qal li kien infurmahom li l-Kunsill kien diġa approva kwotazzjoni ta' caterer ieħor pero' huwa kien dispost li jiltaqa' magħhom sabiex jara x'ser jipproponu u b'liema prezzijiet dan peress li l-Kunsill kien għadhu ma' kkonfermax mal-caterer li kienet approvata l-kwotazzjonmi tiegħu.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada hawnhekk tenniet li hija kienet wissiet lill-Kunsill li kien qed jagħġġel fid-deċiżjoni tiegħu meta l-Għaqda Festi Esterni ma' kienitx għadha tagħat risposta lill-Kunsill rigward il-programm ta' attivitajiet li kienu proposti li jsiru.

*Festival tal-Logħob tan-Nar U Jazz Band Germaniża*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kien kkuntattjat mis-Sur Noel Castillo mill-Awtorita Maltija għat-Turiżmu li fil-jiem ta' Jum l-Isla kien ser ikun hemm Jazz Band Ġermaniża f'Malta u li dawn xtaqu jagħtu kunċert f'xi waħda mill-Bliet u Rħula Maltin u għalhekk is-Sur Castillo avviċina lil dan il-Kunsill. Kull ma' ried isir min-naħa tal-Kunsill kien li jipprovdilhom it-trasport sabiex jigu u jmorru l-lukanda. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta jekk din il-banda għadha nteressata li tagħti kunċert.

Is-Sindku għarraf ukoll lill-Kunsill li s-Sur Castillo kien nfurmah li l-Awtorita' Maltija kienet ser titlob li ma' jitħallewx nies fi Ġnien il-Gardjola waqt il-Festival tal-logħob tan-nar minħabba xi periklu.

Is-Sindku mmedjat ta struzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jintlaħaq kompromess u l-braken jersqu aktar il-barra minn taħt Ġnien il-Gardjola lejn il-Forti Sant'Anġlu sabiex ir-residenti ta' l-Isla jkunu jistgħu jgawdu dan il-Festival mingħajr periklu. Ftit jiem wara li l-Kunsill bagħat din l-ittra l-Kunsill kien infurmat mill-Awtorita Maltija tat-Turiżmu li ma' kienx ser ikun hemm il-bżonn li Ġnien il-Gardjola jingħalaq u għalhekk ser ikun miftuħ għall-pubbliku bħas-soltu.

*L-Onor. Dolores Cristina - Ġieh l-Isla*

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-Onor. Dolores Cristina ma' setgħetx tattendi fil-ħin li stedina l-Kunsill sabiex tingħata Ġieh l-Isla.

Is-Sindku nfurmaha li peress li kien hemm mandat ta' inibizzjoni fuq il-laqgħat tal-Kunsill li fihom kienu ser jiġu diskuss il-programm ta' attivtajiet għal Jum l-Isla ma' setgħax jagħtiha konferma għat-tibdil fil-ħin sakemm ma' jiltaqax il-Kunsill. Huwa wegħda li hekk kif jiltaqa' l-Kunsill u jkollu d-deċijoni finali jikkuntattja lura.

*Partit Nazzjonalista - Sezzjoni Isla*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet ricevuta ċittra mill-Partit Nazzjonalista - Sezzjoni Isla fejn kien mitlub jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu fuq il-Brigata Laburista.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada talbet li l-Kunsill jerġa jirrevedi din id-deċiżjoni minħabba li jekk il-Brigata Laburista tipparteċipa ser toħloq firda fil-lokal speċjalment meta s-sena l-oħra l-Kunsill kien eskluda persuna milli tipparteċipa minħabba li kien hemm il-biża li ser tinħoloq firda peress li dik il-persuna kienet ħadet sehem f'kanzunetta b'tema politika.

Is-Sindku qal li l-każ kien totalment differenti fejn il-Brigata Laburista hija għaqda lokali u ma' tistgħax tiġi eskluża sempliċiment għaliex hija fergħa minn Partit Politiku daqs kemm ma' tistgħax teskludi soċjetajiet oħra li l-membri tagħhom ikunu fil-maġġoranza tagħhom bi twemmin politiku jew ieħor. Huwa qal ukoll li l-Kunsill ma' setgħax Iħassar deċiżjoni li tkun ittieħdet aktar qabel jekk ma' titressaqx riżoluzzjoni speċjali.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada talbet li tingħata l-opportunita' li tagħti r-raġunijiet tagħha għaliex fl-opinjoni tagħha jekk tipparteċipa l-Banda tal-Brigata Laburista ser tinħoloq firda fil-lokalita'

Is-Sindku nfurmaha li għandha ħames (5) minuti ċans sabiex tagħmel l-argument tagħha.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada nfurmatu li mhux ser titkellem għaliex f'ħames (5) minuti ma' tilħaqx tressaq l-argument li għandha ppreparat.

## 34 (5) Rizoluzzjonijiet

Is-Sindku talab li ssir emenda fir-riżoluzzjoni Speċjali li huwa ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fis-27 t'April, 2004 dan sabiex jitneħħa l-kliem :

"Nipproponi li filwaqt li l-programm in ġenerali jinżamm isir tibdil fil-parteċipanti tal-Lejla Maltija, kif ukoll parteċipazzjoni minn sidien tal-ħwienet lokali fit-30 t'April, 2004 hekk kif proposti fl-istess ittra datata 23 t'April, 2004 (Kopja mehmuża)."

u minflok jidhol il-kliem :

"Nipproponi li filwaqt li l-programm in ġenerali jinżamm isir tibdil fil-parteċipanti tal-Lejla Maltija, kif ukoll tibdil fil-programm ta' filgħodu hekk kif proposti fl-istess ittra datata 23 t'April, 2004 (Kopja mehmuża)."

Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi u tressqet għall-vot.

Din l-emenda għaddiet b'4 voti favur u wieħed kontra.

Il-Voti kienu hekk :

Favur :

Is-Sindku Joseph Casha, l-Viċi Sindku Walter Ahar, u l-Kunsilliera Mario Mizzi u Reno Chircop.

Kontra:

Il-Kunsillier Charmaine Gerada.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada talbet li jkun hemm addenda ma' din ir-riżoluzzjoni fejn jiżdied il-kliem :

"Il-Kunsillier Charmaine Gerada qed titlob li mill-programm ta' attivitajiet għal Jum l-Isla titneħħa l-Banda tal-Brigata Laburista minħabba li fl-opinjoni tagħha kif sostniet f'laqgħat oħra ser toħloq firda fil-lokal f'Jum li suppost jgħaqqad lil kullħadd."

Din l-addenda ma' kienetx ssekondata u għaldaqstant waqgħet.

Is-Sindku ressaq ir-riżoluzzjoni speċjali ppreżentata kif emendata għall-vot.

Din ir-riżoluzzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi.

Din ir-riżoluzzjoni għaddiet b'4 voti favur u wieħed kontra.

Il-Voti kienu hekk :

Favur :

Is-Sindku Joseph Casha, l-Viċi Sindku Walter Ahar, u l-Kunsilliera Mario Mizzi u Reno Chircop.

Kontra:

Il-Kunsillier Charmaine Gerada u talbet li l-ittra tagħha mibgħuta lis-Sindku Joseph Casha tiġi rreġistra bħala r-raġuni għaliex ivvutat kontra din ir-riżoluzzjoni.

***Media***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan is-suġġett kien ġie trattat aktar minn darba fil-ġurnali u għaldaqstant qed jinforma lill-Kunsill li huwa kien ser jagħti spjegazzjoni fil-media bħala risposta għal dak li kien diġa ntqal.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fil-11.15am b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Elizabeth Grech
Deputat Segretarju Eżekuttiv